MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 503/2009

**L-Avukat Dottor Mario Scerri, Joseph Debono, John Debono u Andrew Debono**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Superjuri (Malta) u Jane Axiaq, Josephine Attard, Emanuela Levitt, Michaelangelo Haber, Antonia Haber, Philip Haber, Maria Haber, Antonia Attard, Philip Attard, Joseph Attard, Joseph Haber, Salvu Haber, Michaelangela Haber, Maria Calleja, Doris Vella, Loreta Xuereb, Carmela Borg, Guza Cini, Annie Buttigieg, Claire Sammut, John Attard, Loreto Attard, Georgina Azzopardi, Francis Attard, Maria Camilleri, Saviour Attard, Joseph Attard, Salvu Attard, Maria Attard, Carmelo Attard, Antonia Kingswell u Grezzju Haber li lkoll gew kjamati in kawza b'digriet tal-11 ta' Lulju 2012.**

**Wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-18 ta' Settembru 2009 fil-kawza Citazzjoni numru 120/00 fl-ismijiet:**

**Jane mart Anthony Axiaq, Josephine mart George Attard, Emmanuela mart Ray Levitt, Michaelangelo, Antonia Haber, Philip Haber, Maria xebba Haber u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2006, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Jane Axiaq, Emanuela Levitt, Michaelangelo, Antonia xebba, Philip, Joseph u Josephine Attard minflok Mary Haber li mietet fil-mori tal-kawza; Joseph Haber, ilkoll ahwa ulied Alexander Haber u Pawla nee' Cauchi, u bhala eredi ta' l-istess Alexander Haber;**
**L-istess Jane mart Anthony Axiaq u Antonia xebba Haber, bhala eredi tal-mejjet Francis Haber;**
**Salvu Haber, u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Michael Angelo, Grezzju, Salvu, Michaelangela Haber xebba, Maria Calleja, Doris Vella, Loreta Xuereb, Carmela Borg, Guza Cini, Annie Buttigieg u Claire Sammut, ilkoll ahwa Haber minflok Salvu Haber u Maria mart Guzepp Ciantar, ilkoll ulied il-mejjet Michaelangelo Haber u Grazzia nee' Xuereb u bhala eredi tal-istess Michaelangelo Haber;**
**John Attard, u b'nota tal-24 ta' Frar 2006, Joseph, Loreto, Giorgina mart Pancrazio Azzopardi, Francis, f'ismu proprju u kif ukoll bhala prokuratur ghan-nom u in rapprezentanza t'ohtu Maira mart Joe Camilleri u Saviour, ilkoll ahwa Attard, ulied l-attur John Attard, assumew l-atti tal-kawza minflok John Attard li miet fil-mori tal-kawza; Joseph Attard; Salvu Attard; Maria Attard; Carmelo Attard u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2006, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Antonia Kingswell u Carmel Attard ahwa Attard minflok Carmelo Attard li miet fil-mori tal-kawza; u Antonia Attard, ilkoll ulied Anthony Attard u Angela nee' Haber u bhala eredi ta' l-istess Angela Attard**

**vs**

**Joseph Debono, John Debono u Andrew Debono**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Mario Scerri, John Debono, Joseph Debono u Andrew Debono pprezentat ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12, nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru, 2009 fejn esponew bir-rispett:

*Illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-18 ta' Settembru 2009, l-appell li sar ad istanza tal-atturi appellanti gie michud, u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Generali tal-20 ta' Novembru 2008, giet ikkonfermata;*

*Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet fuq il-mertu tal-konvenuti, illiberat lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, u cahdet it-talbiet attridci bl-ispejjez kollha kontra l-atturi;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li d-dritt tal-avukat fl-appell ma giex intaxxat mir-Registratur skond kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12 meta l-eccezzjonijiet li gew trattati u decizi fis-sentenza tal-ewwel Qorti u li wasslet lill-ewwel Qorti biex illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, kienu jitrattaw proprju il-mertu, u ghalhekk id-dritt kellu jigi hekk intaxxat;*

*Illi d-dritt li gie moghti lill-avukat mir-Registratur skond l-annessa taxxa ufficjali tal-ispejjez immarkata MS1 huwa ta' erbgha mija u tmienja u sebghin Ewro (€478) meta d-dritt skond l-artikolu hawn fuq citat kellu jkun dak stabbilit fil-paragrafu 13 tal-istess Tariffa E tal-Iskeda A, u f'ebda kaz mhux inqas min-nofs l-imsemmi dritt:*

*27. F'kaz ta' sentenza ta' helsien mill-osservanza tal-gudizzju, jekk is-sentenza tigi moghtija fuq eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu principali tal-kawza, jinghata lill-Avukat id-dritt stabbilit fil-paragrafu 13; f'kull kaz iehor jinghata nofs l-imsemmi dritt.*

*“Illi minkejja li l-esponenti gibed l-attenzjoni tar-registratur li d-dritt tal-avukat ma giex intaxxat b’mod korrett u ntalab jahdem dan id-dritt skond kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, ir-registratur irrifjuta li jbiddel it-taxxa kif mahruga minnu;*

*Illi l-esponenti jissottomettu bl-ikbar rispett li l-meritu tal-kawza li gie trattat u deciz mill-Ewwel Qorti ma kienx semplici zgumbrament izda ezami tat-titolu tal-proprjeta’ kif effettivament gie mitlub mill-atturi fl-ewwel talba taghhom u kif eccepit mill-konvenuti fit-tielet eccezzjoni taghhom, u t-talba ghall-izgumbrament kienet konsegwenzjali jekk kellhomx jintlaqghu jew le din it-talba jew l-eccezzjoni;*

*Illi l-valur tal-kawza jirrizulta stabbilit mill-atti tal-kawza (vide kuntratt ta’ trasferiment causa mortis tal-attur Salvatore Haber li miet fil-mori tal-kawza li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-18 ta’ Jannar 2005);*

*Illi l-esponenti jrid jattakka din it-taxxa ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12;*

*Illi t-taxxa ufficjali giet mahduma fit-12 ta’ Novembru 2009, u giet rilaxxata lill-esponenti fis-16 ta’ Novembru 2009, u ghalhekk ir-rikors qed isir fit-terminu preskritt fl-artikolu 64(1) tal-Kap. 12;*

*Ghaldaqstant jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lir-Registratur taghha jintaxxa d-dritt tal-avukat kif preskritt fil-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12.”*

Rat ir-risposta ta’ Frans Attard et tal-20 ta’ Jannar, 2010 fejn esponew:

*1. “Illi l-esponenti ma jaqblux mat-talbiet tar-rikorrenti Avukat Dr. Mario Scerri, John Debono, Joseph Debono u Andrew Debono stante li t-taxxa kif mahduma fit-12 ta’ Novembru 2009 mir-Registratur hija wahda gusta u mahduma skond il-Ligi u mhux kif qed jinghad mill-istess rikorrenti u li mhux il-kaz li t-taxxa ghandha tinhadem*

*skond il-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap. 12, u li ghalhekk id-dritt ta' l-avukat huwa dak kif indikat fit-taxxa u cioe' ta' €472, u l-Qorti kienet korretta li dan il-kaz kien qed jittratta mhux il-mertu imma fuq id-dritt dwar il-pussess jew le ta' l-izgumbrament tal-fond;*

*2. Illi l-fatt illi hemm kuntratti kif jinghad u denunzji causa mortis u trasferimenti causa mortis ma jiggustifikax il-kaz, kif qed jippruvaw jaghmlu r-rikorrenti, li kaz ta' semplici dritt ta' pussess ta' art jew le ghandha tigi mahduma b'mod abbuziv biex ma nghidx kelma ohra, taht il-paragrafu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A. Dan qed nghidu b'responsabilita' kbira meta s-sottoskritt l-avukat ta' l-appellanti fil-kaz imsemmi wkoll ghandu dritt li jithallas, pero' ninsisti stess li ghandi nihallas kif mahduma t-taxxa fid-dokument MS1 annessa ma' dan ir-rikors."*

Rat ir-risposta tal-atturi appellanti Jane mart Anthony Axiaq, Josephine mart George Attard, Emanuela mart Ray Levitt, Michaelangelo, Antonia Haber, Philip Haber, Joseph u Josephine Attard; Michaelangelo, Grezzju, Salvu, Michaelangela Haber xebba, Maria Calleja, Doris Vella, Loreta Xuereb, Carmela Borg, Guza Cini, Annie Buttigieg, u Claire Sammut; Joseph, Loreto, Giorgina mart Pancrazio Azzopardi, Francis f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' ohtu Maria Camilleri, u Saviour ilkoll ahwa Attard, Joseph Attard, Salvu Attard, Maria Attard, Antonia Kingswell u Carmel Attard datata 26 ta' Jannar 2010 fejn esponew is-segwenti:

*"Illi in linea preliminari din l-Onorabbli Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern in kwantu ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif konstantement interpretat mill-Qrati taghna, il-kompetenza dwar talbiet ghal ritaxxa tad-drittijiet gudizzjarji tispetta lil dik il-Qorti illi taht il-gurisdizzjoni taghha jaqa' l-valur tat-taxxa impunjata. Fil-kaz odjern, dan l-artikolu ghandu mbaghad jigi abbinat mal-artikolu 767 tal-istess Kap. 12 u galadarba n-numru ta' intimati illi jghixu fil-gzira ta' Ghawdex huma ferm aktar u akbar minn dawk li jirrisjedu jew ghandhom l-ufficcju fil-gzira ta' Malta, isegwi illi kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi dan il-kaz*

*hija l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri. In-numru tal-intimati illi jghixu f'Ghawdex huma prattikament l-intimati kollha hlief ir-Registratur tal-Qrati Superjuri.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt. Huwa fatt assodat fil-gurisprudenza nostrana illi l-meritu ta' kawza huwa dejjem cirkoskritt bit-talbiet dedotti mill-attur fil-kawza. Il-Qorti ma tistax tmur oltre dawk it-talbiet ghaliex altrimenti tkun qeghda tmur ultra petita u extra petita. Issa fil-kaz odjern, it-talbiet kienu ben cari u precizi, u kienu tnejn u xejn aktar:*

*1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti qeghdin jokkupaw ir-raba maghrufa bhala 'Ic-Cens tal-Gharus' sive 'Ta' Cordina' li jinsab fi Triq Ta' Cordina, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;*

*2) Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit mill-Qorti jizgumbraw mill-imsemmi raba' 'Ic-Cens tal-Gharus' sive 'Ta' Cordina' li jinsab fi Triq Ta' Cordina, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex.*

*Naturalment sabiex jirribattu il-pretensjoni tal-konvenuti illi huma ghandhom titolu fuq din l-art, l-esponenti kienu kostretti illi jinvestigaw anke t-titolu rispettiv tal-partijiet. Izda dan xejn ma jbiddel in-natura tat-talbiet taghhom u minn kawza ghal zgumbrament jirrendi l-kawza taghhom ghal kawza rivendikatorja.*

*Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat il-verbal taghha tas-17 ta' Marzu 2010 fejn l-avukat tal-ahwa Attard eccepixxa li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza *rationae materiae* peress li din hi ritassa ta' sentenza moghtija minn Qorti Superjuri.

Rat ukoll li fl-istess seduta l-attur talab li jaghmel nota ta' sottomissjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba, bil-visto tal-kontroparti li kellhom jirrispondu sal-14 ta' Mejju, 2010.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Dottor Mario Scerri, minnu pprezentata nhar id-29 ta' Marzu, 2010.

Rat ukoll in-nota tal-istess Avukat Dottor Mario Scerri tas-17 ta' Mejju, 2010 li permezz taghha esebixxa kopja legali ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali deciza fil-15 ta' April 2009 (Rikors Nru 111/2007 AE **Francis Saliba et -vs- Registratur tal-Qorti t'Ghawdex et)** [Dok. X], fejn fost hwejjeg ohra giet trattata kwistjoni identika ghal dik li ghandha quddiemha din il-Qorti dwar il-kompetenza bejn il-Qorti Superjuri u l-Qorti Inferjuri fi kwistjonijiet ta' ritassa, li wasslet lil dik il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-inkompetenza billi t-taxxa kontestata ma kinitx taqa' fil-kompetenza tal-istess Qorti Superjuri li kienet iddecidiet il-kawza.

Rat inoltre r-rikors tar-rikorrent Avukat Dottor Mario Scerri et tal-31 ta' Mejju, 2010 fejn irrileva li ghalkemm l-atturi appellanti kellhom sal-14 ta' Mejju, 2010 biex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, dan m'ghamluhx. Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex tghaddi biex taghti provvediment dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza, li giet sollevata mid-difensur tal-atturi appellanti.

Rat li ghalkemm il-kontroparti gew notifikati b'dan ir-rikors, ma pprezentaw l-ebda risposta, u ghalhekk laqghet it-talba u halliet ir-rikors ghall-provediment dwar din l-eccezzjoni.

Rat illi nhar l-10 ta' Gunju, 2010 id-Direttur tal-Qrati u Tribunali Civili pprezenta rikors fejn talab lil din il-Qorti takkordalu zmien sabiex jipprezenta eccezzjonijiet fil-kawza odjerna stante illi ghandu nteress illi dina l-Onorabbli Qorti tinghata r-ragunijiet kif inharget it-taxxa meritu tal-kawza odjerna;

Wara li rat ir-risposta w l-oggezzjoni tal-Avukat Dottor Mario Scerri ghat-talba kontenut f'dan ir-rikors, il-Qorti dehrilha li kellha tichad l-istess talba, u ghaldaqstant

ghaddiet biex taghti l-provvediment dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza.

Rat li permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2010, l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza giet deciza u din il-Qorti fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors minghajr ma dahlet fil-mertu tieghu u assenjat ir-rikors lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u dana peress li *'jidher mir-rikors tar-rikorrenti li l-partijiet, salv u b'eccezzjoni ghal-intimat Registratur tal-Qorti Superjuri (Malta), jirrisjedu Ghawdex u ghalhekk dan ir-rikors messu gie intavolat fir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).'*

Rat illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) appuntat ir-rikors ghas-smiegh permezz ta' digriet taghha ta' nhar it-3 t'Awwissu 2010.

Rat illi r-rikorrenti intavolaw rikors t'appell nhar is-26 ta' Lulju 2010, fejn talbu li tigi revokata s-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2010, u dan billi tirrevoka l-istess sentenza u tiddikjara lil din il-Qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi t-talbiet maghmula fir-rikors taghhom ipprezentat fl-14 ta' Dicembru 2009, u sabiex il-Qorti tal-Appell tirrinvija l-atti quddiem din il-Qorti, sabiex il-kawza tkompli tinstema' dwar il-mertu, u tordna li ghandhom jigu estromessi u sfilzati mill-atti tal-kawza dawk l-atti li saru minn min m'ghandu ebda locus standi.

Rat illi s-smiegh tal-appell giet appuntat ghas-26 ta' Jannar 2011 u dan permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell datat id-19 ta' Ottubru 2010.

Rat illi permezz ta' rikors tas-16 ta' Mejju 2011, ir-rikorrenti talbu li jigu ordnati l-kjamata fil-kawza tal-intimati kollha tal-persuni kollha li kienu parti fil-kawza Citaz Nru 120/2000 fl-ismijiet '**<u>Jane Axiaq pro et noe et vs Joseph Debono et'</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2009; u jigi ordnat li jigu allegati l-atti tal-kawza Citaz Nru 120/2000 fl-ismijiet '**<u>Jane Axiaq pro et noe et vs Joseph Debono et',</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Settembru 2009; li fiha hemm it-

taxxa tal-ispejjez u drittijiet gudizzjarji li nhaddmu mir-registratur appellat u li tat lok ghall-proceduri odjerni.

Rat illi permezz ta’ risposta tat-23 ta’ Mejju 2011, l-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali rrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti tal-Appell in rigward l-ewwel talba, u ma oggezzjonax ghat-tieni talba.

Rat illi permezz ta’ digriet tal-1 ta’ Gunju 2011, il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba ghall-kjamat in kawza peress li jirrizulta li l-persuni huma indikati fl-okkju tal-provedimenti datat 13 ta’ Lulju 2010, li minnu qieghed isir l-appell, u laqghet it-tieni talba ghall-allegazzjoni tal-process indikat.

Rat illi l-partijiet kienu trattaw l-appell taghhom nhar it-22 ta’ Gunju 2011, u l-appell gie differit ghal provediment in difett t’ostakolo ghat-29 ta’ Frar 2012.

Rat li l-appell gie deciz nhar id-29 ta’ Frar 2012, u l-Qorti tal-Appell laqghet l-appell datat 26 ta’ Lulju 2010, b’dan illi annullat u rrevokat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 13 ta’ Lulju 2010 (Rikors 503/09), b’dan illi l-Qorti tal-Appell iddikjarat li l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) hija kompetenti sabiex tisma’ r-rikors promotur, u ghalhekk baghtet u rrinvjat l-atti kollha tal-kaz lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) u dan sabiex fid-dawl ta’ din id-decizjoni l-istess rikors jigi trattat u deciz skont il-ligi. Bl-ispejjez tal-appell jibqghu rizervati ghad-decizjoni finali fuq l-istess rikors.

Il-Qorti rat ukoll id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ April 2012 fejn astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-kawza u ordnat li l-atti jigu mibghuta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jigu assenjati lil Qorti diversament preseduta u dan a bazi tal-**Artikolu 734(1)(d) tal-Kap 12**.

Rat ukoll id-digriet taghha tad-19 ta’ April 2012 fejn irrevokat contrario imperio d-digriet taghha tal-10 ta’ April 2012 u appuntat din il-kawza ghas-smiegh ghat-23 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma nhar il-11 ta’ Lulju 2012 fejn l-attur Dr Mario Scerri informa lil din il-Qorti illi fil-mori ta' din il-kawza intlahaq qbil bejnu u l-kjamati in kawza dwar il-hlas tad-dritt li jirrifletti dak stabbilit fl-**Artikolu 27 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12.** Ghaldaqstant il-mertu ta’ dan ir-rikors jinsab ezawrit fil-konfront tal-kjamati in kawza pero' zamm ferm il-kap tal-ispejjez fil-konfront tal-intimat Registratur. Dr Mario Scerri talab ukoll il-kjamati in kawza tas-segwenti persuni: Jane Axiaq, Josephine Attard, Emanuela Levitt, Michaelangelo Haber, Antonia Haber, Philip Haber, Maria Haber, Antonia Attard, Philip Attard, Joseph Attard, Joseph Haber, Salvu Haber, Michaelangela Haber, Maria Calleja, Doris Vella, Loreta Xuereb, Carmela Borg, Guza Cini, Annie Buttigieg, Claire Sammut, John Attard, Loreto Attard, Georgina Azzopardi, Francis Attard, Maria Camilleri, Saviour Attard, Joseph Attard, Salvu Attard, Maria Attard, Carmelo Attard, Antonia Kingswell u Grezzju Haber. Dr Carmelo Galea ta ruhu b' notifikat ghal dawn l-istess nies u irrimetta ruhu. Din il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza. Dr Scerri ddikjara illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar kemm kienu d-drittijiet tieghu jammonta ghal tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€23,831.82). Dr Scerri talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez u l-Qorti laqghet din it-talba, u halliet il-kawza ghas-sentenza ghad-19 ta' Settembru, 2012.

Rat ukoll id-digriet taghha tat-3 t’Awwissu 2012 fejn ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, stante li gie vverbalizzat li l-partijiet qablu ma’ dak vverbalizzat mill-Avukat Mario Scerri, waqt li fil-fatt l-Avukat tar-Registratur ma kienx prezenti ghas-seduta.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Novembru 2012 fejn Dr Bartolo ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili ddikjara li huwa m’ghandu x’jaqsam xejn mal-ftehim milhuq bejn il-partijiet u huwa interessat biss f’din il-kawza li jithallas d-dritt tar-Registru.

Rat in-nota tar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali ta’ nhar l-20 ta’ Novembru 2012, li permezz taghha pprezenta kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tal-20 ta’ Novembru 2008 kif ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta’ Settembru 2009. Gie sottomess ukoll permezz ta’ din in-nota li l-kawza principali kienet dikjarazzjoni dwar okkupazzjoni ta’ raba bla titolu u ordni ta’ zgumbrament.

Rat dak ivverbalizzat quddiemha waqt is-seduta tal-24 ta’ Gunju 2013, fejn Dr Mario Scerri ddikjara li l-verbal tal-11 ta' Lulju 2012 japplika ghall-partijiet kollha salv u b'eccezzjoni ghad-Direttur tal-Qorti, inkluz ghal dawk kjamati dakinhar stess tas-seduta. Giet ipprezentata nota ta' cessjoni fil-konfront tal-kjamati in kawza u l-konvenuti kollha salv u b'eccezzjoni ghar-Registratur tal-Qorti.

Il-kawza giet trattata, u thalliet ghas-sentenza fil-konfront tal-konvenut Registratur tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa palezament minnu li fil-mori ta’ din il-pendenza ntlahaq ftehim dwar id-drittijiet tal-avukat rikorrent bejn ir-rikorrenti u l-konvenuti kollha salv ir-Registratur tal-Qorti, tant illi l-attur ceda l-kawza fil-konfront tal-konvenuti kollha salv ghar-Registratur tal-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti ser titratta l-punt jekk it-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti li qieghda tigi attakkata permezz tar-rikors odjern hijiex wahda gusta jew le ghall-finijiet ta’ spejjez ta’ dawn il-proceduri.

Illi l-procedura ta’ ritassa hija regolata permezz tal-**Artikolu 64 tal-Kap 12**, fejn ir-rikors imsemmi ghandu jigi intavolat fi zmien xahar mill-gurnata li tkun inharget it-taxxa ghal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjez u ghad-debitur mill-gurnata minn meta jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b’att gudizzjarju.[1]

---

[1] Avv Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali ta` Malta, deciza nhar is-17 ta’ Mejju 2013 (198/2010/GC)

Illi jidher li l-procedura giet rispettata da parti tar-rikorrent u fil-fatt dan il-punt mhux qed jigi kontestat.

Illi l-Qorti tal-Appell Superjuri fis-sentenza taghha moghtija nhar l-4 ta' Frar 1994, fl-ismijiet, '**Avv Tonio Borg noe vs Agent Registratur tal-Qrati et'**, qalet li fl-intaxxar tal-kawzi, "*Ir-Registratur hu obbligat li jsegwi u jottempora ruhu mat-tariffa li tiddetermina dawn l-ispejjez u d-drittijiet gudizzjarji, imma hu car ukoll li hu jezercita f'dan il-kuntest funzjoni kwazi gudizzjarja u f'dan is-sens id-decizjoni tieghu tista' biss tigi kkontestata kif ipprovdut fl-istess kodici bil-procedura tar-ritassa*."

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-26 ta' Marzu 2013 (289/05/LSO) fl-ismijiet '**Accent Clear Traders Co Ltd vs Reg. tal-Qrati et'**, gie ritenut li huwa dmir tar-Registratur tal-Qorti impost fuqu bil-ligi li jirregola ruhu sabiex jiddetermina l-ispejjez u d-drittijiet tad-diversi persuni involuti fi proceduri gudizzjarji, inkluzi l-ispejjez tar-registru. Dan id-dmir "*jipprexxindi minn kull kwistjoni li tista' tqum bejn il-kontendenti dwar il-bazi tal-mertu tal-kawza*." **(Artikolu 1004, Kap 12).**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta' Gunju 1963 fil-kawza fl-ismijiet '**Avv. Spiridione Camilleri et vs Avv. Edgar Buhagiar noe et',** tenniet li "*It-tassazzjoni ghandha ssir skond in-natura tal-interess li l-parti jkollha fil-kawza*." F'dan il-kaz li kien jirrigwardja cens u divizjoni, il-Qorti iddecidiet li "l-interess guridiku tal-partijiet f'din il-kawza ma kienux tali li d-dritt tad-difensuri taghkom jigi taxxat 'ad valorem'.

Ricentement fis-sentenza taghha tal-1 ta' Lulju 2013, ('**Frances sive Franca Camilleri vs Direttur Qrati u Tribunali ta' Malta';** Rik. Gur. 1083/2012 JRM) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili stqarret li "*It-tassazzjoni 'ad volerem' hija bbazata fuq talbiet li jwasslu ghall-passagg ta` flus jew fondi propjeta` jew jeddijiet marbutin ma` dan."* L-istess Qorti marret oltre u kienet cara u sketta f'sentenza ohra taghha, ta' nhar it-12 ta' Gunju 2003, fl-ismijiet '**HSBC Bank Malta plc vs Reg. tal-Qrati et'**

(1555/01 JRM), fejn tenniet li "*kawza ma taqax f'kategorija bhal dawn li ghadhom kemm issemmew, it-tassazzjoni generalment issir a bazi ta' dikjarazzjoni.*"

Il-Qorti tghid ukoll "*Illi t-Tariffa li tigwida l-likwidazzjoni ta` dritt dovut lill- avukat f'kawza li fiha tkun inghatat decizjoni dwar punt ta` dritt jew ta` fatt tghid li dik id-decizjoni tigi intaxxata 'ad volerem' jekk kemm-il darba jkollha x`taqsam ma` valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process,*" ghalhekk, wiehed ma ghandux jieqaf biss mal-att promotur sabiex jara l-valur tat-talbiet, izda ghandu jara wkoll il-valur li t-talbiet inghataw tramite l-provi mressqa jew taghrif fil-process.[2] F'dan il-kaz il-Qorti tenniet li decizjoni dwar valita` o meno ta` att gudizzjarju ghandha tigi intaxxata fuq punt ta` dritt u mhux 'ad volerem'. Dan gie ritenut ukoll fil-kawza '**<u>Ronald Gaerty vs Registratur tal-Qorti et',</u>** (772/2005 LSO), deciza fis-26 ta' Marzu 2013.

"*It-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija mharsa mill-principju li wiehed ihares lejn it-talba li tkun saret jew mis-sentenza li tkun inghatat meta s-somma mhix determinabbli mit-talba. Bil-kelma "talba" wiehed jifhem il-qofol tal-kwistjoni mqanqla bil-process gudizzjarju, u mhux semplicement it-talba kif formulata fl-att promotur tal-azzjoni. Tali principju mhux wiehed inflessibbli ghaliex huwa kwalifikat bil-principju li t-tassazzjoni tista' tinstilet minn dak li f'kawza jissejjah "il complesso del tema contenzioso" minn fejn wiehed jista' jsib xi jkunu tassew il-valur tal-kontestazzjoni.*[3]

F'dak il-kaz, il-vertenza li giet definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell kienet tirrigwarda strettament punt ta' dritt, ossia l-preskrizzjoni tal-azzjoni. Ma kinitx tirrigwarda passagg jew trasferimenti ta' flus, fondi jew proprjeta' jew jeddijiet marbutin mal-istess. Tant li l-kawza kompliet tinstema' quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza fuq il-mertu li kien da liquidarsi.

---

[2] Rik Gur 1083/2012/JRM – deciz 01 ta' Lulju 2013
[3] Ronald Gaerty vs Registratur tal-Qorti et (772/2005 LSO) deciza - 26 ta' Marzu 2013

Il-kaz principali li minnu rrizultat it-taxxa tal-ispejjez li qieghda tigi attakkata permezz tal-kawza odjerna kien jitratta, dikjarazzjoni dwar okkupazzjoni ta’ raba bla titolu u ordni ta’ zgumbrament, u mhux sitwazzjoni li tista’ taghti lok ghal passagg jew trasferimenti ta' flus, fondi jew proprjeta’ jew jeddijiet marbutin mal-istess. Il-kuntrast bejn il-partijiet fil-kawza kien limitat ghall-punt ta' dritt u ma jistax jinghad li, f'dak l-istadju, il-massa litigioso, jew il-qofol tal-kwistjoni, kien jirrigwarda trasferiment ta’ dritt fuq il-propjeta’, izda biss azzjoni li biha l-intimati fir-rikors promotur setghu jigu zgumbrati minn raba.

Il-kawza fl-ismijiet ‘**<u>Cygnet Limited vs Supplies Limited’</u>** (Citaz. Nru 624/02) kellha skop ossia domanda specifika, cioe li s-socjeta’ konvenuta tigi zgumbrata ghax naqset li tonora obbligu kontrattwali cioe’ l-hlas annwali fil-hin dovut mis-socjeta’ konvenuta ghall-gestjoni li kellha tal-fond propjeta’ tas-socjeta’ attrici. L-oggett tat-talba kien wiehed car u cioe’ l-izgumbrament tas-socjeta’ attrici mill-fond. Din kienet domanda mhux marbuta ma’ valur ta’ immobbli. Infatti l-kwistjoni pekunjarja ma kellha ebda relevanza fil-kwistjoni salv li n-nuqqas ta’ hlas tal-*annual fee payment* fil-hin stipulat fil-kuntratt bejn il-partijiet, fil-fatt wassal ghat-telf ta’ drittijiet li s-socjeta’ konvenuta kienet tgawdi fuq il-fond lilha koncess tal-avvjament tan-negozju.

Il-kawza odjerna mhix kawza fejn it-talba (cioe’ l-izgumbrament) kienet subordinata ghal xi valur jew xi hlas fl-istess mertu ta’ kawza. Il-valur tal-proprjeta’ ma kien ta’ ebda relevanza hlief kif qalet is-sentenza ‘**<u>Salvino Ellul Bonici vs Dottor Edgar Buhagiar noe’</u>** (deciza 30.1.1959) “li l-azzjoni tkun ristritta ghal interess izghar minn dak li fuqu d-decizjoni tkun tinfluixxi”.

**Il-Qorti ma tarax kif tista’ tallacja l-valur tal-proprjeta’ bhala bazi ghal taxxa meta l-valur tal-proprjeta’ in kwistjoni fil-kawza kien ghal kollox superflu ghad-determinazzjoni tad-domanda.**

**Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti, filwaqt li qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti kollha salv u b’eccezzjoni ghar-**

**Registratur tal-Qrati Superjuri stante li l-atti gew ceduti fil-konfront taghha fil-mori tal-kawza, qieghda tichad it-talba tal-atturi.**

**L-ispejjez kollha ta' din il-procedura jithallsu mill-atturi in solidum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------